

# Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa 1737-1900 fil-Pittura ta' Raffaele Caruana Dingli

**Anton Morana**

Aktar ma jgħaddi ż-żmien u r-riċerka u l-istampa jsiru faċli, aktar jiżdiedu l-opportunitajiet biex wieħed isir jaf il-ġdid fuq l-imgħoddi. F'dawn l-aħħar snin aktar dokumentazzjoni, kemm miktuba, impittra jew fotografika qiegħda tiġi ppubblikata. Dan mhux qed isir biss minn arkivji pubbliċi, iżda wkoll minn dawk privati. Mhux kotba fuq l-istorja biss qegħdin jiġu ppubblikati, iżda wkoll fuq l-arti. Fl-1989 il-*Progress Press Co* Ltd tal-Belt Valletta ppubblikat il-ktieb ta' Mario J Caruana Dingli, jismu, *Caruana Dingli Artists*. Sa dakinhar, hawn f'Ħal Luqa konna nagħrfu li ritratt meħud tard fis-seklu l-ieħor bħala l-eqdem ritratt li għandu x'jaqsam ma' Ħal Luqa tal-imgħoddi. Wieħed ma jridx jinsa li qabel il-fotografija kienet teżisti l-pittura u preċiż dak li ġara qabel ir-ritratt li semmejna. F'dan il-ktieb sabiħ, mimli pitturi tal-aqwa familja ta' artisti Maltin, ta' Caruana Dingli nsibu f'paġna 37, stampa ta' pittura sabiħa tal-knisja ta' Ħal Luqa, tal-ewwel artist Caruana Dingli li kien jismu Raffaele (1851-1927). Din il-pittura tinsab f'kollezzjoni privata u wieħed għandu jkun grat li dokumentazzjoni bħal din, il-lum hija ppubblikata. Hekk issa għandna stampa eqdem ta' kif kienet il-knisja ta' Ħal Luqa għas-snin 1734-1901.

Billi din il-pittura ta' Caruana Dingli hija dokument illustrata, tajjeb li jiġi eżaminat għad-dettal li fih. L-ewwelnett, dan l-artist, biex pinġa din ix-xena kellu jkun preżenti fil-post. Raffaele Caruana Dingli kien joqgħod il-Mosta. Ma nafux meta pinġa din ix-xena iżda x'aktarx għal nofs is-snin sebgħin, mhux faċli tasal għal konklużjoni definittiva, iżda jekk wieħed iħares lejn id-dettalji li jinsabu fiha, forsi wieħed jista' jasal għal xi data tentattiva. L-aktar li tispikka fil-pittura hija l-knisja u l-purċissjoni li ħierġa minnha. Fuq dawn nitkellmu aktar 'il quddiem. Nibdew mix-xellug tal-knisja jew aħjar kif nafuha llum, il-pjazza tal-knisja. Is-salib jidher prominenti kif inhu llum. Ftit 'il bogħod minnu tidher ħerża ta' bir b'raġel ħdejha. Flok din il-ħerża llum hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni li kienet saret f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena tad-definizzjoni tad-domma, fl-1879. Din il-ġiebja jew bir għadhom jeżistu sal-lum; x'aktarx li kienet ġiebja pubblika. Wara nett, fil-faċċata, hemm id-dar tal-kappillan u



Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa 1737-1900
fil-Pittura ta' Raffaele Caruana Dingli

ħajt għoli fil-ġenb. Minbarra l-istatwa tal-Madonna li ma tidhirx fil-pittura, din id-dar u l-arloġġ tal-knisja jgħinuna biex forsi naslu għal xi żmien meta pinġiha l-pittur.

Din id-dar tidher b'sular wieħed u b'linja arkitettonika tas-seklu 18 għalkemm ġiet irranġata bejn l-1877 u l-1879. It-tieni sular ittella' wkoll f'dak iż-żmien. Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb tiegħu dwar *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* jgħid li fl-1879 ġiet irranġata u ttella' t-tieni sular. Għalhekk, it-tieni sular kien għadu ma ttellax meta tpinġiet il-pittura. Ħaġa oħra li tista' tgħin biex wieħed jiddata din ix-xena hija l-arloġġ tal-knisja. Fil-pittura nsibu kwadrant wieħed li jħares lejn il-pjazza tal-knisja, li mhux l-arloġġ ta' Mikielanġ Sapiano li sar fl-1881, b'żewġ kwadranti fil-faċċata, wieħed li juri d-data u l-ieħor li juri l-ħin. Niftakru li l-pjazza waħdanija tar-raħal, sa ħafna snin wara, kienet il-pjazza tal-knisja. Il-ħajt għoli fuq il-ġenb tad-dar, kien jindika ħajt ta' xi ġnien kbir. Dan il-ħajt jew partijiet minnu għadu jidher sal-lum wara d-dar tal-kappillan. Li ma tidhirx ħdejn id-dar tal-kappillan hija d-dar kbira tas-Sur James Ciappara. Forsi kienet għadha ġnien? Fir-rokna, bejn il-knisja u d-dar tal-kappillan, tidher kamra m'ogħla sular, b'bieb wieħed.

Fuq ix-xellug tal-knisja jidher il-bini antik fejn il-lum hemm id-dar ta' Dr Joseph Sapiano. Dan il-bini x'aktarx twaqqa' u nbena mill-ġdid għax mir-ritratti ta' żmien il-gwerra jidher kompletament differenti.



Dar oħra antika li waqgħet ukoll fil-gwerra hija dik li minn ħdejha tidħol għal Triq Papa Innoċenzju. Triq il-Karmnu tidher ftit u eżatt fuq il-lemin tagħha hemm dar xi ftit kbira x'aktarx tas-seklu 18. Il-gallarija ta' din id-dar fiha n-nies jaraw il-purċissjoni. Hemm ukoll siġra taċ-ċipress li kienet kibret mhux ħażin. Fuq il-lemin taz-zuntier tidher siġra oħra, iżgħar fid-daqs. Il-folla tan-nies hija kkonċentrata l-aktar lejn il-bidu tal-purċissjoni, iżda fuq iz-zuntier hemm folla oħra, l-aktar nisa b'rashom mgħottija. Oħrajn huma mxerdin mal-pjazza, bit-tfal flimkien mal-kbar. In-nies huma spettaturi u xi ħaġa mhix tas-soltu, jidhru żewġ nisa bil-qegħda fuq it-taraġ tas-salib. Żewġt itfal jinsabu bil-qiegħda fl-art u erba' oħra huma akkumpanjati minn

ommhom jew missierhom. Interessanti huma l-ilbies. In-nisa b'rashom mgħottija u l-irġiel bil-kappell f'idejhom. It-temp ma jidhirx wieħed sajfi, iżda bnazzi biżżejjed, minkejja s-sħab, biex jippermetti u l-purċissjoni ssir bla tfixkil. X'aktarx li ż-żmien kien għall-ħabta tal-ħarifa u l-ġurnata l-Ħadd jew xi festa oħra għall-ħabta tal-għaxra u nofs kif jindika l-arloġġ tal-knisja.

Il-purċissjoni ma nafux hix waħda bi statwa, għax jekk kien hemm statwa din ma tidhirx. Kieku tidher kienet issolvi ħafna problemi għax konna nkunu nafu jekk il-purċissjoni hix ta' xi festa partikulari. Jidhru tajjeb it-tliet fratellanzi bl-istandardi tagħhom. L-ewwel tidher dik tas-Sagrament, it-tieni taċ-Ċintura u fl-aħħar tar-Rużarju. Mill-istandardi wieħed jista' jgħid li din il-purċissjoni mhix waħda ta' xi festa maġġuri jew festa ta' xi fratellanza għax qegħdin jintużaw l-istandardi tas-sekondi festi u mhux tal-primi festi. Forsi kienet il-purċissjoni li kienet issir bis-Sagrament, magħrufa bħala tat-Terza? Din kienet issir il-Ħadd wara l-quddiesa kantata; spiċċat issir xi ftit tas-snin ilu.

L-aktar ħaġa importanti fil-pittura hija l-knisja parrokkjali u z-zuntier bl-erba' statwi kif kien jeżisti dak iż-żmien. Il-knisja bħala bini u arkitettura għandha storja għaliha għax ħadet ħafna żmien u saru ħafna tibdiliet sakemm ħadet is-sura kif tidher f'din il-pittura. L-ewwel knisja ta' Sant'Andrija li nafu biha hija dik tal-1497. Din il-knisja wkoll sar tibdil fiha sakemm Ħal Luqa saret parroċċa fl-1634. Hekk kif Ħal Luqa saret parroċċa bdiet tinbena l-knisja parrokkjali fuq pjanta tas-saċerdoti Ħalluqi Dun Ġulju Muscat. Sal-1665 il-knisja kienet lesta. Meta tlesta l-uniku kampnar mal-faċċata fl-1686, wieħed seta' jgħid li x-xogħol ta' Ġulju Muscat kien intemm. Fl-1691, il-Ħalluqin reġgħu twebblu li jibdlu l-faċċata tal-kor u tal-knisja. Dan ix-xogħol ħa ħafna żmien għax sal-1694 kien diġà waqaf jew kien miexi bil-mod. Tkompla wara ħafna insistenza tal-Isqof Cocco Palmieri u sa ħames snin wara ngħata bidu biex jinħatt il-kampnar u tinbena faċċata ġdida b'żewġ kampnari. Hija din il-faċċata ta' Lorenzo Gafà li tidher fil-pittura. Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-knisja nbniet fi żminijiet u f'fażijiet differenti. Il-ġenb tal-knisja m'għandu x'jaqsam xejn mal-linja tal-barokk fil-faċċata. Il-koppla li nbniet qabel mhix fuq l-istil barokk u kienet bħal ħafna koppli li kien hawn Malta qabel ma l-Gafà beda jesperimenta fuq il-koppli bħal fil-każ tal-knisja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Din il-koppla li tidher fil-pittura baqgħet teżisti sakemm infetħet fil-gwerra li għaddiet u kellha titwaqqa'. Mhux dokumentat meta nbniet, iżda x'aktarx kienet parti mill-pjanta ta' Dun Ġulju. Li Gafà ħażżeż il-faċċata nafuh minn dokument fejn juri li darba minnhom tħallas tliet skudi u nofs tad-disinn u darba oħra fis-16 ta' Mejju 1699 tħallas erba' rbiegħi biex ġie jara x-xogħol kif kien miexi. L-istil tal-frontispizju, jiġifieri l-parti tan-nofs tal-faċċata hi l-linja li kien juża l-Gafà. Il-kampnari u l-piramidi ta' fuqhom huma proporzjonati mhux biss mal-faċċata iżda ankè mal-koppla li kienet baxxa. Il-pedestall f'nofs il-frontispizju juri l-kuruna tal-Papa u żewġ Imfietaħ skolpiti fil-ġebel. Fuq il-pilastri jidhru speċi ta' fjamma. Dawn ma jidhrux fil-faċċata biss, iżda fuq il-kappelluni wkoll.

Ix-xogħol fuq il-faċċata dam sejjer u kien hemm żmien li waqaf. Bejn l-1704 u l-1709 żgur li kien waqaf għal kollox u l-Isqof kellu jagħmel appell fl-1709 biex jitkompla. Kien kollu għal xejn. F'dan iż-żmien il-faċċata kienet tħalliet mingħajr frontispizju u ż-żewġ kampnari kienu tellgħuhom u tħallew bla balavostri u xogħol ieħor dekorattiv. Kien biss 25 sena wara li tkompliet il-faċċata. Mastru Sebastjan Saliba ħadem l-iskultura u mexxa l-kumplament tax-xogħol. Fl-1737 il-faċċata li tidher fil-pittura kienet lesta. Dan l-aħħar, il-ħabib tiegħi s-Sur Tony

Mangion, waqt li kien jagħmel riċerka għall-ktieb tiegħu fuq iż-Żurrieq, sab li l-faċċata tal-knisja taż-Żurrieq kien għamilha u bniha hu. Dan Saliba semmieh għall-ewwel darba Dun Ġużepp Micallef f'artiklu li kiteb għall-Pronostku Malti 1986 (deher wara mewtu). Jissemma wkoll fi ktejjeb li ħarġet il-parroċċa ta' Ħal Għaxaq f'egħluq il-mitejn sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja fl-1984. Fiż-żewġ artikli ma jissemmiex li kien minn Ħal Luqa, iżda wara li s-Sur Tony Mangion sab dokument li kien jgħid li kien minn Ħal Luqa, jiena u l-ħabib tiegħi Mario Cassar sibna fir-Reġistru tal-Magħmudija li kien twieled Ħal Luqa f'Diċembru tal-1709 minn Beneditt u Tereża. Dan Saliba żżewweġ u mar joqgħod Ħal Għaxaq. Kien kapo-mastru perit tal-Ordni ta' San Ġwann u flimkien ma' Ħalluqi ieħor, il-kapo-mastru perit Giovanni Bonavia bnew il-knisja ta' Ħal Għaxaq. Fuq Bonavia għandna ħafna tagħrif, iżda fuq Saliba r-riċerka għadha sejra. Dawn it-tnejn flimkien ma' ħafna ismijiet oħra ta' Ħalluqin għamlu isem fil-bini tal-knejjes u bini ieħor.

Iz-zuntier fil-pittura huwa biċċa xogħol oħra ta' Lorenzo Gafà. F'din il-pittura jidher eżatt kif għamlu l-Gafà, kollu balavostri u biż-żewġ statwi ta' Mosè u Aronne. Jidhru wkoll żewġ statwi oħra ta' Santu Rokku, in-naħa tas-salib u San Mikiel fuq in-naħa l-oħra. Dun Ġużepp Micallef jgħid li dawn iż-żewġ statwi tqiegħdu flok l-istatwi ta' Mosè u Aronne, wara xewqa tal-Ħalluqin wara l-pesta tal-1813. Ikompli jgħid li għat-truf taz-zuntier saru żewġ statwi oħra, waħda ta' San Luqa li tqiegħdet fuq il-ġenb ta' Santu Rokku u l-oħra ta' San Tumas. Ma jidhirx li kien il-każ għax Mosè, Aronne, Santu Rokku u San Mikiel jidhru sew f'din il-pittura anzi Mosè u Aronne jidhru fil-post oriġinali tagħhom, filwaqt li San Tumas u San Luqa donnhom qatt ma saru. L-erba' statwi tal-pittura tneħħew biss meta bdew jinbnew in-navi. Mosè u Aronne ma nafux x'sar minnhom filwaqt li Santu Rokku u San Mikiel jinsabu fiċ-ċimiterju tal-pesta f'Santa Marija tal-Ibwar, f'Wied il-Knejjes. Il-knisja u l-inħawi tal-misraħ kif jidhru fil-pittura baqgħu hekk sakemm fl-1901 bdew jinbew in-navi.

X'baqa' mill-faċċata tal-Gafà? Meta nbnew in-navi l-bini l-ġdid kien ingastat mal-qadim. Il-ħajt tal-kampnar il-qadim fuq il-lemin għadu jidher minn fejn jindaqqu l-qniepen flimkien ma' wiċċ l-arloġġ li jidher f'din il-pittura. Għadha tidher ukoll parti mill-faxxa taċ-ċinta u l-friż Doriku. Dawn għadhom jidhru sal-lum għax il-kampnar tal-lemin li għandha l-knisja llum ma waqax bil-gwerra. Il-qniepen li jidhru fil-pittura huma tal-1795 maħduma għand il-funditur G Trigance u tnejn oħra li nxtraw bejn l-1810-18 mingħand l-isptar ta' Saura, ir-Rabat. Illum dawn il-qniepen jinsabu fil-knisja ta' Santa Tereża, B'Kara. L-arloġġ ta' Mikielanġ Sapiano kien irranġat wara li saru n-navi biex iħaddem wieħed tad-data fil-faċċata u tlieta oħra tal-ħin.

Il-pittur Raffaele Caruana Dingli kien fattwali ħafna f'din ix-xena u b'riħet hekk għandna fuq kollox biċċa xogħol tal-arti u stampa oħra ċara ta' kif kienet il-knisja parrokkjali għat-tielet darba li ġiet irranġata jew mibnija sa mill-ewwel darba li tissemma fl-1497 jew mibnija sa mill-ewwel darba li tissemma fl-1497. X'ġara mill-knisja wara l-1900 u wara l-gwerra 1940-43 nafuh sewwa għax huwa dokumentat bil-kitba u bir-riżultati.


**Referenzi**

Dun Ġużepp Micallef – *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha.*

Dun Ġużepp Micallef – *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa. Il-Pronostku Malti* 1986.

Mario J. Caruana Dingli: *Caruana Dingli Artists.*

Anon – *Il-Knsija ta' Ħal Għaxaq 200 sena kkonsagrata.*



Dan l-artiklu kien deher
fil-fuljett Leħen il-Parroċċa, Luqa.